C/2024/1364

15.2.2024

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea tal-2024

(C/2024/1364)

L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea ([1]) jistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea. F'konformità mar-regoli rispettivi, dan l-avviż tal-Kummissjoni jidentifika l-istandards Ewropej u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li l-Kummissjoni beħsiebha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni għall-2024, kif ukoll l-objettivi u l-politiki speċifiċi għal dawn l-istandards u r-riżultati (ara l-Anness).

L-Avviż tfassal biex jappoġġa speċifikament il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE bl-objettiv li jikkontribwixxi għal suq uniku ekoloġiku, diġitali u reżiljenti kif ukoll l-objettivi internazzjonali tal-UE.

Ir-rwol tal-istandardizzazzjoni għall-politiki tal-UE ġie indirizzat f'diversi dokumenti ta' politika tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-istrateġija ta' standardizzazzjoni ([2]) u l-istrateġija industrijali tal-UE ([3]). L-istandards jappoġġaw il-politiki tal-UE biex jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi tal-UE jkunu kompetittivi madwar id-dinja u jirriflettu l-kunsiderazzjonijiet l-aktar avvanzati fir-rigward tas-sikurezza, tas-sigurtà, tas-saħħa, tas-soċjetà u tal-ambjent. Barra minn hekk, huma għodda importanti għar-riċerka, l-iżvilupp u l-valorizzazzjoni tal-innovazzjoni peress li juru prova tal-kunċett u jisfruttaw l-introduzzjoni tal-ktajjen tal-valur industrijali għalkollox ġodda fl-oqsma ekoloġiċi u diġitali ([4]).

Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Kummissjoni tinkludi objettivi għad-dimensjoni internazzjonali fil-programm ta' ħidma annwali tagħha tal-Unjoni. Hija se tkompli l-kooperazzjoni tagħha dwar l-istandardizzazzjoni mas-sħab internazzjonali billi timplimenta azzjonijiet previsti minn sħubijiet diġitali mal-Ġappun, il-Korea t'Isfel u Singapore, fil-kuntest tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u fi ħdan il-gruppi G7/G20. Fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE ma' sħab internazzjonali, il-Kummissjoni tippromwovi approċċ b'appoġġ għall-proċessi ta' standardizzazzjoni internazzjonali kif preskritt permezz tal-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jiġifieri, it-trasparenza, il-ftuħ, l-imparzjalità u l-konsensus, l-effettività u r-rilevanza, il-koerenza u d-dimensjoni tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni, anke f'livell internazzjonali, bħala parti essenzjali mill-kapitolu dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u għall-prattiki regolatorji tajbin f'kull ftehim ta' kummerċ ħieles li tinnegozja. Barra minn hekk, se tkompli d-djalogu ma' pajjiżi oħra biex tesplora oqsma ta' kooperazzjoni possibbli b'rabta mal-isfidi globali.

Ir-rwol tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa daqstant importanti għall-promozzjoni tar-rwol ewlieni tal-UE bħala entità li tistabbilixxi l-istandards globali, kif identifikat fl-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ([5]).

L-Anness ta' dan l-Avviż fih azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea. Dawn huma meħtieġa u xierqa biex jiġu appoġġati l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ ir-rwol ewlieni tal-UE fl-istabbiliment tal-istandards globali.

Il-programm ta' ħidma annwali tal-UE tal-Kummissjoni għandu jidentifika l-prijoritajiet strateġiċi ta' politika għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Mill-pubblikazzjoni tal-istrateġija ta' standardizzazzjoni fl-2022, l-Avviżi sussegwenti tal-Kummissjoni identifikaw lista ta' azzjonijiet ta' prijorità politika fost il-punti elenkati fl-Anness. Dawn ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni prijoritarji jappoġġaw il-politiki kritiċi tal-UE fil-kisba ta' suq uniku ekoloġiku, diġitali u reżiljenti u jistħoqqilhom aktar attenzjoni mis-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni, fosthom riżultati rapidi.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

([2]) COM(2022)31.

([3]) COM(2021)350.

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien tal-21 ta' Novembru 2022.

([5]) COM(2021)252.

Wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ([6]) li twaqqaf il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li ġie stabbilit f'Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet pariri mill-Forum dwar l-azzjonijiet ta' prijorità għall-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni. Dan il-parir tqies fl-Avviż tal-Kummissjoni ta' din is-sena.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni identifikat l-azzjonijiet ta' standardizzazzjoni li ġejjin bħala prijoritajiet ta' politika:

1. It-teknoloġiji għal computing ta' prestazzjoni għolja Ewropew u l-infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika: f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma kritiċi tat-teknoloġija għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri ([7]), il-Kummissjoni ttenni l-punti ta' prijorità politika mill-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-2023 dwar il-kwantistika.
2. Il-materja prima kritika – ir-riċiklaġġ ta' kalamiti permanenti u l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, ir-raffinar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika: Bħalma għamlet fl-2023, il-Kummissjoni ttenni li l-materja prima kritika hija prijorità politika fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar il-Materja Prima Kritika ([8]) u r-rwol ikkonfermat tal-materja prima kritika li żżomm il-ktajjen tal-provvista reżiljenti.
3. Il-Qafas ta' *Data* ta' Fiduċja tal-UE: il-Kummissjoni żżid azzjoni ta' prijorità ġdida dwar qafas tad-data affidabbli biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Att dwar id-*Data* ([9]).
4. Il-Qafas tal-Identità Diġitali Ewropea: il-Kummissjoni tinkludi punt ġdid ta' prijorità biex tappoġġa l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea.
5. L-ekodisinn tal-kundizzjonament u tal-pompi tas-sħana arja-arja: il-Kummissjoni tinkludi punt ta' prijorità ġdid dwar il-pompi tas-sħana abbażi tal-objettivi tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ([10]) kif ukoll ir-rwol ċar tal-istandards fil-kisba tal-objettivi tagħha.
6. **Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali: il-**Kummissjoni ttenni l-prijorità politika tal-2023 dwar ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, maħsuba biex toħloq kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' prodotti siguri b'elementi diġitali.
7. It-teknoloġiji u komponenti tal-idroġenu: il-Kummissjoni ttenni l-prijorità politika tal-2023 dwar it-teknoloġiji u l-komponenti tal-idroġenu, maħsuba biex ittejjeb l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura u l-komponenti teknoloġiċi tal-idroġenu fis-suq uniku.
8. L-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi: Il-Kummissjoni tinkludi punt ta' prijorità ġdid dwar l-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi biex ikun hemm konnettività awtomatika bejn l-infrastruttura għall-iċċarġjar u l-vetturi elettriċi, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fost manifatturi, sistemi u networks differenti.

([6]) COM(2022)6189.
([7]) C(2023)6689 final.
([8]) COM(2023)160 final.
([9]) Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj)
([10]) COM(2023)161 final.

ANNESS

Ħarsa Ġenerali

F'dan il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2024, ġew identifikati l-**prijoritajiet ta' politika** li ġejjin fost il-72 azzjoni elenkati hawn taħt:

1. It-teknoloġiji għall-computing ta' prestazzjoni għolja Ewropew u l-infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika (l-Azzjoni 7)
2. Ir-riċiklaġġ ta' kalamiti permanenti (l-Azzjoni 1) u l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, ir-raffinar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika (l-Azzjoni 2)
3. Il-qafas ta' *Data* Affidabbli tal-UE (l-Azzjoni 10)
4. Il-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali (l-Azzjoni 8)
5. L-ekodisinn tal-kundizzjonament arja-arja u tal-pompi tas-sħana (l-Azzjoni 33)
6. Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà (l-Azzjoni 6)
7. It-teknoloġiji u komponenti tal-idroġenu (l-Azzjoni 16)
8. L-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (l-Azzjoni 44)

Il-lista sħiħa ta' azzjonijiet fil-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-2024 hija maqsuma f'erba' kategoriji ewlenin: (1) Ir-reżiljenza tal-industrija Ewropea, (2) It-tranżizzjoni diġitali, (3) It-tranżizzjoni ekoloġika, u (4) Is-suq Intern għall-prodotti u s-servizzi.

L-azzjonijiet dwar ir-reżiljenza għandhom l-għan li jappoġġaw dan li ġej:

— Ir-riċiklaġġ ta' kalamiti permanenti (l-Azzjoni 1)

— L-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, ir-raffinar u riċiklaġġ ta' materja prima kritika (l-Azzjoni 2)

— Materjali multipli u funzjonijiet ġodda għall-manifattura addittiva (l-Azzjoni 3)

— Il-bijoteknoloġija u bijomanifattura (l-Azzjoni 4)

— Il-materjali avvanzati (l-Azzjoni 5)

L-azzjonijiet dwar it-tranżizzjoni diġitali għandhom l-għan li jappoġġaw dan li ġej [1]**:**

— Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà (l-Azzjoni 6)

— It-teknoloġiji għall-computing ta' prestazzjoni għolja Ewropew u l-infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika (l-Azzjoni 7)

— Il-Qafas Ewropew tal-Identità Diġitali (l-Azzjoni 8)

— Il-verifika online tal-età (l-Azzjoni 9)

— Il-qafas ta' Data Affidabbli tal-UE (l-Azzjoni 10)

— L-interoperabbiltà għas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* (l-Azzjoni 11)

— Id-*data* tal-klijenti fis-settur tal-assigurazzjoni (l-Azzjoni 12)

— L-ekosistema virtwali u tar-realtà awmentata sigura u interoperabbli u ekonomija virtwali (l-Azzjoni 13)

— L-armonizzazzjoni tal-barcodes sabiex tippermetti biljetti interoperabbli bl-użu ta' barcodes. (l-Azzjoni 14)

— Reviżjoni tat-talba ta' standardizzazzjoni b'appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali (Azzjoni 15)

L-azzjonijiet dwar it-tranżizzjoni ekoloġika għandhom l-għan li jappoġġaw dan li ġej:

— L-infrastruttura, l-appoġġ u l-ħżin tal-idroġenu (l-Azzjonijiet 16-18)

— It-teknoloġiji ta' kurrent dirett b'vultaġġ baxx (l-Azzjoni 19)

[1] L-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni diskussi fil-kuntest tal-Pjattaforma Ewropea ta' Bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT tista' tinstab f'din il-link: https://joinup.ec.europa.eu/collection/rolling-plan-ict-standardisation/rolling-plan-2023

— Il-grilji tal-elettriku (l-Azzjoni 20)

— Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija (l-Azzjonijiet 21-40)

— It-titjib tal-ekoloġizzazzjoni u tar-reżiljenza klimatika tal-bini u tal-materjali għall-bini (l-Azzjonijiet 41, 42)

— It-trasport u l-ħżin permanenti tad-diossidu tal-karbonju (l-Azzjoni 43)

— L-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (l-Azzjoni 44)

— L-azzar b'livell baxx ta' karbonju (l-Azzjoni 45)

— Ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materjali f'vetturi li ma għadhomx jintużaw (l-Azzjoni 46)

— Il-kwalità tal-arja ambjentali (l-Azzjonijiet 47-50)

— It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija (l-Azzjoni 51)

— Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet industrijali (l-Azzjoni 52)

— It-tnaqqis tat-tniġġis mill-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent (l-Azzjoni 53)

— Il-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema (l-Azzjoni 54)

— Il-prodotti fertilizzanti (l-Azzjoni 55)

— Il-kejl u l-aċċess għas-saħħa tal-ħamrija (l-Azzjoni 56)

— Il-fjuwil tal-avjazzjoni (l-Azzjoni 57)

L-azzjonijiet dwar is-suq intern għall-prodotti u s-servizzi jappoġġaw dan li ġej:

— Il-kwalità u s-sikurezza tal-apparat mediku (l-Azzjoni 58)

— It-titjib tas-sikurezza tal-apparat ta' pressjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs għalih (l-Azzjoni 59)

— It-titjib tal-aċċess tal-SMEs għas-suq tar-reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (l-Azzjoni 60)

— Is-sikurezza tal-makkinarju (l-Azzjoni 61)

— It-tagħmir maħsub għall-użu f'ambjenti potenzjalment splussivi (l-Azzjoni 62)

— It-tagħmir protettiv personali (l-Azzjoni 63)

— Is-sistemi ta' kejl korretti u traċċabbli sabiex jipproteġu lill-pubbliku minn kejl żbaljat (l-Azzjoni 64)

— L-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja (l-Azzjoni 65)

— Il-Kompatibbiltà Elettromanjetika (l-Azzjoni 66)

— Is-sikurezza kontra n-nirien tal-bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa u tal-bastimenti li jużaw il-gass bħala propellant (l-Azzjoni 67)

— Il-Vultaġġ Baxx (l-Azzjoni 68)

— It-Tagħmir tar-Radju (l-Azzjoni 69)

— L-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni (l-Azzjoni 70)

— Is-sikurezza tal-prodotti u tal-faċilitajiet tal-konsumatur (l-Azzjoni 71)

— Id-dizzjunarju tad-*data* għar-rapportar lill-awtoritajiet superviżorji tas-settur finanzjarju (l-Azzjoni 72)

Azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw ir-reżiljenza tal-industrija Ewropea				
Ref	Titolu	Referenza	L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea	L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea
1	Riċiklaġġ ta' materja prima kritika minn kalamiti permanenti	COM/2023/160 final Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020	L-iżvilupp ta' standards Ewropej għar-riċiklaġġ ta' kalamiti permanenti. L-istandards għandhom: Jappoġġaw metodi li huma ekonomikament kompetittivi meta mqabbla mal-produzzjoni primarja; jiżguraw li l-proċessi ta' riċiklaġġ jirrispettaw l-ambjent; jirkupraw in-neodimju f'forma li hija xierqa għall-produzzjoni ta' kalamiti ta' kwalità għolja; jiġbru u jisseparaw prodotti użati li fihom il-kalamiti tan-neodimju.	L-għan tal-azzjoni huwa li tiżgura l-ktajjen tal-provvista tal-UE u li tnaqqas l-impatti ambjentali assoċjati mal-produzzjoni primarja.
2	Materja prima kritika	COM/2023/160 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020	L-iżvilupp ta' standards Ewropej u ta' riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, ir-raffinar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika.	L-għan tal-azzjoni huwa li tissaħħaħ il-katina tal-valur tal-materja prima kritika tal-UE sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tinbena r-reżiljenza tal-UE.
3	Tekniki ta' manifattura addittiva	Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva - (COM/2020/98 final)	Jiġu żviluppati standards Ewropej li jappoġġaw il-manifattura addittiva, inkluż l-istampar 3D/4D, li jkopru s-sistemi ta' manifattura tal-metall, tal-polimeru, taċ-ċeramika, u oħrajn ibbażati fuq il-materjal.	L-azzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-effiċjenza enerġetika u żżid il-kompetittività ta' oġġetti ġodda b'materjali multipli u materjali u prodotti b'diversi funzjonijiet għal diversi applikazzjonijiet, inkluż dawk bijomediċi, fil-manifattura addittiva.
4	Il-bijomaterjali, il-prodotti b'bażi bijoloġika u dawk derivati mill-injam	Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 Inwettqu llum u nħejju għal għada COM/2023/638 final Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent COM/2018/673 final Ċikli Sostenibbli tal-Karbonju COM/2021/800 final	L-iżvilupp ta' standards ġodda u r-reviżjoni tal-istandards eżistenti dwar il-bijomaterjali, il-prodotti b'bażi bijoloġika u dawk derivati mill-injam għad-definizzjoni tat-terminoloġija, l-armonizzazzjoni tal-metodi ta' ttestjar għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, u l-istabbiliment ta' kriterji ta' prestazzjoni li jtejbu s-sostenibbiltà, ir-rinnovabbiltà u l-bijodegradabbiltà. L-iżvilupp ta' regoli tal-kategorija tal-prodotti b'appoġġ għall-EN 15804 għall-prodotti strutturali tal-injam, għall-pannelli bbażati fuq l-injam u għall-materjali anċillari tagħhom.	L-objettiv ewlieni huwa li tiġi appoġġata l-modernizzazzjoni u tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE permezz tal-ħolqien ta' ktajjen tal-valur ġodda u proċessi industrijali sostenibbli u aktar kosteffettivi, u li jissaħħu u jiżdiedu s-setturi u l-industriji b'bażi bijoloġika, jiġu sfruttati l-investimenti u tingħata spinta lill-adozzjoni tas-suq.

5	Materjali avvanzati	Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 Inwettqu llum u nħejju għal għada COM/2023/638 final	It-twettiq ta' studju ta' mmappjar dwar l-istandardizzazzjoni eżistenti u l-lakuni identifikati dwar materjali avvanzati (inklużi n-nanomaterjali u l-grafen) għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.	L-azzjoni għandha l-għan li timmappja l-ħtiġijiet standard għall-adozzjoni tal-innovazzjoni u tiżgura s-sikurezza u s-sostenibbiltà ta' materjali avvanzati, inkluża s-sostituzzjoni tal-materja prima kritika. Dan se jifforma l-bażi għall-iżvilupp ta' standards li jrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni fi proċessi ta' sostituzzjoni sostenibbli u jiffaċilitaw azzjonijiet konġunti potenzjali fil-livelli tal-UE u nazzjonali.

Azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni ta' standards Ewropej jew ta' riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali

Ref	Titolu	Referenza	L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea	L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea
6	Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali	COM(2022) 454 - Proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)	Jiġu żviluppati standards Ewropej u riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea li jikkorrispondu għal speċifikazzjonijiet essenzjali taċ-ċibersigurtà kif stabbilit bl-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u b'mod partikolari dwar: (i) l-ispeċifikazzjonijiet ta' sigurtà relatati mal-proprjetajiet tal-prodotti b'elementi diġitali u speċifikazzjonijiet tal-ġestjoni tal-vulnerabbiltà (ii) il-metodoloġiji li jikkonċernaw livelli ta' assigurazzjoni relatati ma' prodotti b'elementi diġitali kif imsemmi hawn fuq; (iii) il-metodoloġiji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà assoċjati ma' prodotti b'elementi diġitali.	L-objettiv ewlieni huwa li jinħolqu kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' prodotti siguri b'elementi diġitali billi jiġi żgurat li l-prodotti tal-hardware u tas-software jiġu introdotti fis-suq b'anqas vulnerabbiltajiet u jiġi żgurat li l-manifatturi jieħdu s-sigurtà bis-serjetà matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott.
7	Teknoloġiji kwantistiċi	COM/2021/118 final/2 - Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali	L-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-ktajjen tal-provvista għall-kompjuters kwantistiċi modulari u l-arkitetturi tal-komunikazzjoni, u t-teknoloġiji abilitanti tagħhom għall-computing Ewropew ta' prestazzjoni għolja u għall-infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika. L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti dwar is-sikurezza, il-privatezza u ċ-ċibersigurtà tal-computing kwantistiku u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni. L-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-ktajjen tal-provvista għal apparati affidabbli għal sors kwantistiku, sensur u metroloġija.	L-objettivi ewlenin huma: (i) Li jiġi żgurat il-ġbir sistematiku tal-industrija (negozji ġodda, SMEs, industriji kbar, eċċ.), il-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni u li jiġu promossi l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni fost l-esperti tal-industrija sabiex jappoġġaw l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni. (ii) Li jiġu żgurati l-kwalità, is-sikurezza u s-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi tat-teknoloġija kwantistika u l-interoperabbiltà tagħhom, essenzjali għall-iżvilupp (kummerċjali) tal-QT u l-użu ta' infrastrutturi pan-Ewropej, u li tinbena fiduċja fost il-bejjiegħa, il-klijenti u l-fornituri tas-servizzi. (iii) Li tiġi xprunata l-istandardizzazzjoni f'konformità mal-politika tal-UE.

8	Il-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea - COM/2021/281 final	L-allinjament tal-istandards Ewropej u internazzjonali, l-inkorporazzjoni ta' Qafas Ewropew tal-Identità Diġitali koeżiv. Dan jinkludi t-tfassil ta' rapporti tekniċi, standards u linji gwida għall-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE u attestazzjonijiet elettroniċi.	L-għan huwa li ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa b'identità diġitali rikonoxxuta b'mod universali, sigura u faċli għall-utent, li twitti t-triq għal titjib fit-tranżazzjonijiet online u fl-opportunitajiet ta' negozju filwaqt li jinżammu l-valuri Ewropej tal-protezzjoni tad-*data*.
9	Verifika online tal-età	COM(2022) 212 final - Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea COM/2021/281 final	L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda għall-assigurazzjoni tal-età/verifika tal-età online, fil-kuntest tal-proposta għal qafas għal identità Ewropea (eID).	L-objettiv ewlieni huwa li tittejjeb is-sikurezza tat-tfal online permezz ta' verifika tal-età sigura, iċċertifikata u interoperabbli (sistemi għall-aċċess tas-servizzi online madwar l-UE). L-għan huwa li tinbena l-fiduċja u l-kunfidenza fil-mekkaniżmi tal-AV u b'mod partikolari li jiġi mminimizzat ir-riskju li t-tfal jaċċessaw kontenut mhux xieraq għall-età.
10	Qafas ta' *Data* Affidabbli tal-UE	Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-*data* u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-*Data*) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (L-Att dwar id-*Data*)	Sett komprensiv ta' standards, prattiki u regoli biex tiġi żgurata kondiviżjoni tad-*data* affidabbli u legalment konformi fost il-partijiet, inklużi l-intermedjarji tad-*data* u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu. Dan jinkludi l-istandards tal-katalogu tad-*data* għall-pubblikazzjoni u l-iskoperta tal-assi tad-*data*, l-istandards tal-ontoloġija għall-integrazzjoni u l-użu ta' *data* kondiviża, u l-KPIs komuni biex jiggwidaw l-ispazji tad-*data* Ewropej lejn l-interoperabbiltà transsettorjali, itejbu t-trasparenza u l-użu. L-azzjonijiet kollha se jiġu kkoordinati mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni tad-*Data* u, meta rilevanti, maċ-Ċentru ta' Appoġġ għall-Ispazji tad-*Data*.	Il-produtturi u l-utenti tad-*data* jiltaqgħu ma' sfidi notevoli ta' interoperabbiltà meta jikkombinaw id-*data* minn sorsi varjati, kemm fis-setturi kif ukoll bejniethom. L-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' formati u protokolli standard u kompatibbli għall-ġbir u għall-ipproċessar koerenti tad-*data* fis-setturi kollha huwa vitali, u jista' jiġi promoss permezz tal-pjan kontinwu għall-istandardizzazzjoni tal-ICT u Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà msaħħaħ. L-għanijiet primarji huma li jittejbu it-Traċċabbiltà, l-Użu mill-ġdid u l-Interoperabbiltà tad-*data*—prinċipji ewlenin tad-*data* FAIR—fit-tisħiħ tal-Ekonomija Ewropea tad-*Data*. Spazji Komuni Ewropej tad-*Data*, appoġġati minn mezzi ta' finanzjament tal-UE bħal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, kull wieħed jevolvi bir-ritmu uniku tiegħu. L-iżgurar tal-interoperabbiltà f'dawn l-ispazji huwa essenzjali, li jwitti t-triq għall-iżvilupp ta' għodod ġeneriċi u jgħin lin-negozji attivi f'diversi oqsma tad-*data*.

11	L-interoperabbiltà għas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*	ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (L-Att dwar id-*Data*)	L-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Att dwar id-*Data*. Dan jista' jinkludi ħidma abbażi tal-speċifikazzjonijiet miftuħa eżistenti tal-interoperabbiltà żviluppati mill-industrija.	L-għan ewlieni huwa li l-Kapitolu VI tal-Att dwar id-*Data* jkun jista' jitħaddem. Il-kapitolu fih dispożizzjonijiet li jippermettu lill-utenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jaqilbu bejn il-forniturі tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*. Sabiex jippermettu l-bdil, il-forniturі tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jridu jipprovdu interfaċċi miftuħin lill-klijenti. B'mod ġenerali, il-bidla tista' ssir realtà biss jekk is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jkunu interoperabbli. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikolu 29 tal-Att dwar id-*Data* jfittex li jistabbilixxi "lingwa komuni" fost is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*. Għal dan il-għan, huwa jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tniedi mandat ta' standardizzazzjoni.
12	*Data* tal-klijenti fis-settur tal-assigurazzjoni	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554 COM/2023/360 final	L-iżvilupp ta' standards ġodda li jippermettu l-aċċess għad-*data* tal-assigurazzjoni tal-klijenti tas-settur finanzjarju u l-kondiviżjoni tagħha. Din l-azzjoni tappoġġa l-politika tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ l-aċċess għad-*data* fis-servizzi finanzjarji (riżultat tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2023) u l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar qafas għall-aċċess għad-*data* finanzjarja.	L-għan huwa li jiġi żgurat li l-klijenti fis-settur finanzjarju jkunu jistgħu jaċċessaw id-*data* tagħhom abbażi ta' standards komuni, skont il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar qafas ta' aċċess għad-*data* finanzjarja. Dan jinkludi b'mod speċifiku l-obbligu fuq id-ditti tal-assigurazzjoni ("detenturi tad-*data*") li jikkondividu *data* dwar l-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (eżempju assi, *data* dwar il-kuntratt u l-prodott) fuq talba tal-klijent ma' partijiet terzi liċenzjati ("utenti tad-*data*") abbażi ta' standards komuni. Il-ħidma ta' standardizzazzjoni se jkollha tikkonforma mal-kamp ta' applikazzjoni tal-att legali finali ladarba tiġi adottata l-proposta għal regolament għal qafas dwar l-aċċess għad-*data* finanzjarja.

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1364/oj

13	Ekosistema virtwali u tar-realtà awmentata sigura u interoperabbli u ekonomija virtwali	Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss - COM/2023/442 final	Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-istandards għall-interfaċċi bejn il-bniedem u l-kompjuter, il-computing spazjali, l-użu tal-applikazzjonijiet, is-sigurtà u l-komunikazzjoni tal-apparat, is-sensuri bijometriċi fl-apparati, il-ħżin u l-iskambju tal-mudell tar-realtà virtwali u awmentata, fosthom disinji ta' assi virtwali u standards għall-ekonomija u s-soċjetà virtwali li jindirizzaw l-identifikazzjoni, is-sjieda, il-protezzjoni tal-IP u s-sikurezza tat-tfal.	Il-Kummissjoni timmira għal Web 4.0 u dinjiet virtwali li jitħaddmu b'teknoloġiji u standards miftuħa u ddistribwiti ħafna li jippermettu l-interoperabbiltà bejn il-pjattaformi u n-networks u l-libertà tal-għażla għall-utenti, u fejn is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-aċċessibilità jkunu fil-qalba tal-iżviluppi teknoloġiċi. Sabiex jiġi żgurat li l-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali jiġu fformati bħala spazju miftuħ u sigur, li jirrispetta l-valuri u r-regoli tal-UE, huwa meħtieġ impenn internazzjonali. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, se tinvolvi ruħha ma' organizzazzjonijiet ewlenin attivi fl-iżvilupp tal-istandards.
14	L-armonizzazzjoni tal-barcodes sabiex tippermetti biljetti interoperabbli bl-użu ta' barcodes.	PJAN/2021/10509 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-isfidi tas-suq li jfixklu l-iżvilupp ta' servizzi Diġitali ta' Mobbiltà Multimodali (MDMS)	L-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-barcodes li għandhom jintużaw f'applikazzjonijiet għall-biljetti li jkopru diversi modi ta' ħruġ ta' biljetti b'barcodes modulari fuq l-ismartphones u fuq biljetti stampati għas-servizzi ta' mobbiltà.	L-għan huwa li sal-2030 ikun hemm lok għal trasport multimodali tal-passiġġieri mingħajr xkiel. Dan jista' jiġi ffaċilitat ħafna permezz ta' biljetti elettroniċi integrati u standard ta' barcode interoperabbli tal-UE validu għall-modi kollha tat-trasport.
15	Reviżjoni tat-talba ta' standardizzazzjoni b'appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali	Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni COM/2021/206 final	L-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-att li jmiss dwar l-intelliġenza artifiċjali, li jinkludi aspetti relatati mal-ġestjoni tar-riskju, il-kwalità tad-*data*, iż-żamma tar-rekords, it-trasparenza, is-sorveljanza umana, l-akkuratezza, ir-robustezza, iċ-ċibersigurtà, il-ġestjoni tal-kwalità, il-valutazzjoni tal-konformità, l-identifikazzjoni bijometrika, il-prestazzjoni tar-riżorsi tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, u l-iżvilupp effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' mudelli bi skop ġenerali tal-intelliġenza artifiċjali.	Jiġi żgurat li s-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali jistgħu jkunu sikuri u affidabbli, jiġu mmonitorjati b'mod xieraq matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, jirrispettaw il-valuri fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti fl-UE, u jsaħħu l-kompetittività Ewropea.

Azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika				
Ref	Titolu	Referenza	L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea	L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea
16	It-teknoloġiji u l-komponenti tal-idroġenu	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu COM/2021/804 final Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652	Jiġu żviluppati standards Ewropej dwar il-kwalità, it-teknoloġija u s-sikurezza għall-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu.	Jittejbu l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-idroġenu u tal-komponenti teknoloġiċi fis-suq uniku.
17	It-trasport u l-ħżin tal-idroġenu	Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu COM/2021/803 final	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda għall-kwalità u s-sikurezza tal-idroġenu – rilevanti għall-injezzjoni fin-network tal-idroġenu ddedikat, u l-użi finali, inklużi l-fjuwils ibbażati fuq l-idroġenu.	L-iffaċilitar u l-promozzjoni taż-żieda tal-metodi tat-trasport u tal-ħżin għall-idroġenu, li se jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u tal-materja prima f'setturi diffiċli għad-dekarbonizzazzjoni.

18	Kontenituri għall-idroġenu (likwidu u gassuż) fit-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni	il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Naiades III: It-tisħiħ tat-trasport fl-ilmijiet interni Ewropej li jibqa' validu fil-futur - COM/2021/324 final Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE	L-iżvilupp ta' standards Ewropej biex tittejjeb is-sikurezza tat-trasport fuq l-ilma intern li jaħdem bl-idroġenu billi jiġu allinjati l-istandards tal-bastimenti li jġorru l-kontenituri tal-idroġenu b'punti ta' riforniment ta' fjuwil inkluż kontenituri li jistgħu jiġu skambjati.	L-għan huwa li jiġi limitat iż-żmien għall-bunkering u għar-riforniment tal-idroġenu u bl-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport li jiżguraw is-sikurezza tal-operat.
19	Teknoloġiji ta' kurrent dirett b'vultaġġ baxx	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni l-enerġija solari għar-rienerġizzazzjoni tal-Ewropa COM/2022/221 final	Jiġu żviluppati standards Ewropej u ta' riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-elettriku solari fis-sistema tal-enerġija.	Il-kontribut għall-implimentazzjoni rapida tal-fotovoltajċi solari (PV) u tat-teknoloġiji termali solari.
20	Grilji tal-elettriku	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Grilji, il-konnessjoni nieqsa - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji COM/2023/757 final	L-iżvilupp ta' standards Ewropej u strumenti ta' standardizzazzjoni, b'mod partikolari fil-forma ta' ftehim ta' sessjoni ta' ħidma għall-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet komuni għall-użu mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għall-elettriku lejn il-manifatturi tal-grilja.	L-azzjoni għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet, taċċellera t-twassil tal-proġetti, iżżid l-ammont ta' output bil-faċilitajiet tal-manifattura diġà eżistenti li l-fornituri tal-elettriku jistgħu jipproduċu, u tippermetti lill-fornituri madwar l-UE jkollhom aċċess aħjar għal swieq oħrajn fl-Ewropa.
21	Ekodisinn fir-rigward tal-pompi tal-ilma	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2012 tal-25 ta' Ġunju 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-pompi tal-ilma	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-metodi ta' kejl u kalkolu tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ekodisinn tal-pompi tal-ilma.	L-objettiv ewlieni huwa li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-pompi tal-ilma, filwaqt li jitqies approċċ estiż tal-prodott, possibbilment billi jiġu kkunsidrati aspetti oħrajn, eż. relatati mal-ekonomija ċirkolari.

22	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2022 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-platti domestiċi skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2017 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-metodi ta' kejl u kalkolu tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi.	L-objettiv ewlieni huwa li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-magni tal-ħasil tal-platti.
23	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-apparati għat-tisjir	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-fran domestiċi, għall-ħobbs domestiċi u għall-estratturi tal-kukers domestiċi	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-apparti għat-tisjir.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-apparat għat-tisjir.
24	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi li jkopru funzjoni ta' kodifikazzjoni b'medda dinamika qawwija (HDR) u livelli ta' riżoluzzjoni ogħla minn 4k (jew HD), jiġi ffissat metodu ta' ttestjar speċifiku għall-imġibiet tal-ABC, u jiġu adattati l-metodi ta' verifika għall-kontenut tal-addittivi tal-plastik.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi (televiżjonijiet, monitors), li jkopri l-livelli tal-HDR u tar-riżoluzzjonijiet 'il fuq minn 4k (jew HD), billi jiġi stabbilit metodu ta' ttestjar speċifiku għall-ABC u jiġu adattati l-metodi ta' verifika għall-kontenut tal-addittivi tal-plastik.

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1364/oj

25	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2020 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għas-sorsi tad-dawl u t-tagħmir ta' kontroll separat skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009, (KE) Nru 245/2009 u (UE) Nru 1194/2012 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2015 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissuplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda li jkopru l-proċeduri u l-metodi għall-kejl tal-parametri meħtieġa għas-sorsi tad-dawl LED u għas-sorsi tad-dawl OLED.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl, bi stima ta' ffrankar tal-enerġija finali annwali ta' 41,9 TWh fl-2030.
26	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-ħiters tal-post lokali	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 tal-24 ta'April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post lokali	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-post lokali.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali tal-ħiters tal-post lokali jiġi limitat ulterjorment.
27	L-ekodisinn tal-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 tal-24 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali tal-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi jiġi limitat ulterjorment.

28	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi)	Ir-Regolament tal-Kummissjoni PLAN/2020/7002 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni PLAN/2020/7007 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi)	Jiġu żviluppati standards ġodda għall-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi), sabiex jiġu appoġġati l-kejl u l-kalkolu tal-parametri rilevanti tal-prodotti - permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	Jitnaqqsu l-impatti ambjentali assoċjati mal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi).
29	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-ismartphones u t-tablets	IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) / li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/826 C/2023/3538 final Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1669 tas-16 ta' Ġunju 2023 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-ismartphones u tal-islate tablets	Jiġu żviluppati standards ġodda għall-ismartphones u għat-tablets, sabiex jiġu appoġġati l-kejl u l-kalkolu tal-parametri rilevanti tal-prodotti permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	It-tnaqqis tal-impatti ambjentali assoċjati mal-ismartphones u t-tablets.
30	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bojlers tal-fjuwil solidu Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1187 tas-27 ta' April 2015 li jissuplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakketti ta' bojler tal-fjuwil solidu, ħiters supplimentari, regolaturi tat-temperatura u apparat solari	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-metodi ta' kejl u kalkolu tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu.	L-objettiv ewlieni huwa li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu.

31	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-ħiters tal-post	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-post u ħiters ikkombinati, sabiex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	Jiġu standardizzati l-konsum tal-enerġija, il-livell tal-qawwa tal-ħoss u l-ispeċifikazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati madwar l-UE. Dan għandu jgħin sabiex is-suq uniku jopera aħjar u tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' dawn il-prodotti.
32	L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-ħiters tal-post	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-mixħun Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-mixħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-mixħun, sabiex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	Jiġu standardizzati l-konsum tal-enerġija, il-livell tal-qawwa tal-ħoss u l-ispeċifikazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu għall-ħiters tal-ilma, u l-ispeċifikazzjonijiet għat-telf permanenti mit-tankijiet tal-mixħun madwar l-UE. Dan għandu jgħin sabiex is-suq uniku jopera aħjar u tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' dawn il-prodotti.
33	L-ekodisinn tal-kundizzjonaturi tal-arja u tal-pompi tas-sħana arja-arja	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 tas-6 ta' Marzu 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kundizzjonaturi tal-arja u l-fannijiet għall-użu personali kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-kundizzjonaturi tal-arja u għall-pompi tas-sħana arja-arja, permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-kundizzjonaturi tal-arja u tal-pompi tas-sħana arja-arja fil-fażi tal-użu tagħhom, kif ukoll fil-livell tal-qawwa akustika tagħhom.

34	L-ekodisinn tal-muturi elettriċi	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti, filwaqt li jitqies dan li ġej: (1) l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tal-effiċjenza tar-riżorsi, inkluż l-identifikazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' elementi terrestri rari f'muturi b'kalamita permanenti; (2) l-istabbiliment tal-livell tat-tolleranzi tal-verifika; (3) l-istabbiliment ta' klassijiet tal-metodu u tal-enerġija għall-muturi b'vultaġġ attribwit ta' aktar minn 1000 V; (4) l-istabbiliment ta' kombinazzjonijiet ta' muturi u trażmissjoni b'veloċità varjabbli mibjugħa flimkien, kif ukoll trażmissjoni b'veloċità varjabbli integrata (sistemi ta' trażmissjoni kompatti)); (5) iż-żieda ta' tipi oħrajn ta' muturi fil-kamp ta' applikazzjoni, inkluż muturi bil-kalamiti permanenti.	Jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar ripetibbli, riproduċibbli, kosteffettivi u rilevanti għall-prattika għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tal-muturi elettriċi bil-għan li titnaqqas ir-rata ta' telf tal-enerġija tagħhom, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija.
35	L-ekodisinn ta' tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/826 tas-17 ta' April 2023 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-enerġija f'modalità mitfi, f'modalità standby u f'modalità standby man-network tat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u (KE) Nru 107/2009	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju.	Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fil-modalità standby u fil-modalità standby man-network tat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju.
36	L-ekodisinn tal-provvisti tal-enerġija esterni	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1782 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-provvisti tal-elettriku esterni skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-provvisti tal-elettriku esterni sabiex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott, permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxuti.	L-objettiv ewlieni huwa li jiġi standardizzat il-konsum tal-enerġija tal-provvisti tal-enerġija esterni, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija.

37	L-ekodisinn tal-fannijiet industrijali	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011 tat-30 ta' Marzu 2011 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal fannijiet b'muturi ta' potenza elettrika input bejn 125 W u 500 kW	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda sabiex jiġi permess approċċ estiż tal-prodotti, b'mod partikolari billi jiġi definit numru suffiċjenti ta' punti operatorji u metodu ta' interpolazzjoni/kalkolu u/jew kurva karatteristika. Il-metodi ta' kejl dirett jiġu kkomplementati b'metodi xierqa ta' kalkolu/interpolazzjoni u l-validità tagħhom tiġi kkwantifikata. Jiġu stabbiliti metodi għall-fannijiet ta' ċirkolazzjoni u għal fannijiet kbar ta' kumdità u għal fannijiet kbar eż. permezz ta' estrapolazzjoni minn mudelli skalati.	Jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar ripetibbli, riproduċibbli, kosteffettivi u rilevanti għall-prattika għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tal-fannijiet industrijali bil-għan li titnaqqas ir-rata ta' telf tal-enerġija tagħhom, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija.
38	L-ekodisinn tas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti flimkien mal-elementi li ġejjin: (1) jiġi indirizzat it-telf tas-sistema direttament assoċjat ma' sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli, b'mod partikolari t-telf ikkawżat upstream fil-grilja meta l-kurrent tal-input ma jkunx sinusojdali, u t-telf armoniku kkawżat downstream fil-mutur; (2) jiġi stabbilit il-livell ta' tolleranzi tal-verifika; (3) jekk applikabbli, jiżdiedu klassijiet tal-enerġija biex jiġu mħeġġa sistemi ta' trażmissjoni aktar effiċjenti; (4) jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet għal kombinazzjonijiet ta' muturi u ta' sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli mibjugħa flimkien, kif ukoll għal sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli integrati (sistemi ta' trażmissjoni kompatti); (5) jiżdiedu tipi oħrajn ta' sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli fil-kamp ta' applikazzjoni.	Jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar ripetibbli, riproduċibbli, kosteffettivi, u rilevanti għall-prattika sabiex jiġi kkalkolat il-konsum tal-enerġija/tat-telf ta' muturi b'veloċità varjabbli bil-għan li jitnaqqsu r-rati ta' telf tal-enerġija, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija.
39	L-ekodisinn għal servers u prodotti għall-ħażna tad-*data*	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/424 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal servers u prodotti għall-ħażna tad-*data* skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013	L-iżvilupp ta' standard Ewropew ġdid għall-kejl u għall-kalkolu tal-effiċjenza, il-prestazzjoni u d-domanda għall-enerġija tal-prodotti għall-ħżin tad-*data* u għall-karatterizzazzjoni tal-funzjonalità tal-Ġestjoni tal-Enerġija tal-Proċessur tas-servers.	L-objettiv ewlieni huwa li jgħin biex jiġi żgurat livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali tas-servers u tal-prodotti għall-ħżin tad-*data* fl-Unjoni kollha u b'hekk jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni
40	Ekodisinn għal transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 548/2014 tal-21 ta' Mejju 2014 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja	L-iżvilupp ta' standard Ewropew ġdid għall-kejl u għall-kalkolu tal-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni ta' transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja.	L-objettiv ewlieni huwa li jgħin biex jiġi żgurat livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali ta' transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja u b'hekk jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni u għall-iffrankar tal-enerġija.

41	L-assorbimenti tal-karbonju fil-prodotti għall-bini	il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 COM/2021/572 final Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament ewropew u lill-Kunsill Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli COM/2021/800 final	Jiġi żviluppat qafas standardizzat ta' valutazzjoni dinamika taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex jitqiesu b'mod aktar akkurat l-assorbimenti tal-karbonju assoċjati mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti għall-bini.	L-objettiv ewlieni huwa li jiġi rifless aħjar il-progress li sar fil-valutazzjoni dinamika taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex il-ħżin tal-karbonju jiġi rikonoxxut fi standards volontarji għall-prodotti għall-bini, prinċipalment meta jintużaw fatturi ta' karatterizzazzjoni dipendenti fuq iż-żmien applikati għal inventarju dinamiku taċ-ċiklu tal-ħajja.
42	Ir-reżiljenza klimatika tal-infrastruttura	Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM/2021/82 final - punt 2.3.2	Tiġi riveduta firxa usa' ta' standards għall-assi (inkluż dawk mhux infrastrutturali) li huma vulnerabbli għall-impatti klimatiċi, skont l-għarfien aktar avvanzat, sabiex tiġi mtejba ir-reżiljenza tagħhom għall-klima.	Li tittejjeb ir-reżiljenza għall-klima tal-istokk tal-infrastruttura eżistenti u ta' proġetti infrastrutturali ewlenin ġodda.
43	It-trasport u l-ħżin permanenti tad-diossidu tal-karbonju	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) - COM/2023/161 final	L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju permezz ta' pipelines, vapuri, ferroviji u trakkijiet u għall-ħżin ġeoloġiku permanenti tiegħu.	L-objettiv ewlieni huwa li tiġi żgurata interoperabbiltà għolja tal-infrastruttura emerġenti tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju u tal-kapaċitajiet permanenti tal-ħżin.
44	L-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi	Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE	L-iżvilupp ta' standards Ewropej dwar: — Standard għal Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika (PKI) għall-mobbiltà elettronika (Kunċett ta' Plug and Charge); - Standard għall-persuni b'diżabilità għall-infrastruttura tal-irriċarġjar; - kodiċijiet tal-ID għall-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku u tar-rifornim ent tal-idroġenu; — Konverġenza ta' Protokoll ta' Punt ta' Ċċarġjar Miftuħ u IEC 63110 (back-end tal-infrastruttura tal-iċċarġjar).	L-objettiv huwa li tiġi ggarantita l-faċilità tal-użu u tiġi promossa l-konnettività awtomatika bejn l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-vetturi elettriċi filwaqt li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fost il-manifatturi, is-sistemi u n-networks differenti.

Azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika				
Ref	Titolu	Referenza	L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea	L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea
45	Azzar b'livell baxx ta' karbonju	Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020:Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa (COM/2021/350 final) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li taġġorna l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020:Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa SWD/2021/353 final	L-iżvilupp ta' standards li jistabbilixxu metodoloġiji armonizzati għall-kriterji tal-emissjonijiet u tar-riċiklaġġ għall-produzzjoni tal-azzar, għall-proċessi bbażati fuq l-idroġenu u għat-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju.	L-għan huwa li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għall-produzzjoni tal-azzar bi proċessi li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju
46	Ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materjali f'vetturi li ma għadhomx jintużaw	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE COM/2023/451 final	Jiġu żviluppati standards Ewropej li jtejbu l-proċessi għad-disinn, il-produzzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ċirkolari tal-vetturi u l-komponenti tagħhom. Dawn l-istandards għandhom jinkludu t-titjib tad-disinn għar-riċiklaġġ tal-partijiet tal-plastik, kif ukoll it-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw sabiex jiżdied l-irkupru ta' materja prima kritika u tittejjeb il-kwalità tar-ruttam tal-azzar u tal-aluminju, kif ukoll il-metodi ta' kalkolu u kejl għall-kwalità tal-materjali tal-karozzi separati, riċiklati, u rkuprati.	L-azzjoni għandha l-għan li ttejjeb ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-materjali u tnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart minn vetturi li ma għadhomx jintużaw.

47	Il-kwalità tal-arja fl-ambjent - metodi ta' kejl għall-monitoraġġ ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali	L-Artikolu 4(1), (8) u (13) u l-Anness V tad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali	Jiġu żviluppati standards għall-kejl tal-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi.	Jiġi żgurat li l-analiżi tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali tkun preċiża, affidabbli u komparabbli madwar l-UE.
48	Il-kwalità tal-arja ambjentali – valutazzjonijiet ibbażati fuq l-immudellar	L-Artikoli 6, 7, 9 u 10 u l-Anness I tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa	Jiġu żviluppati standards li jiżguraw li l-valutazzjonijiet ibbażati fuq l-immudellar tal-kwalità tal-arja jkunu oġġettivi, affidabbli u komparabbli, u ta' kwalità suffiċjenti sabiex tiġi ġġenerata informazzjoni affidabbli dwar il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-arja ambjentali.	Jiġi żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja tkun rappreżentattiva u komparabbli biżżejjed madwar l-UE.
49	Il-kwalità tal-arja ambjentali - il-prestazzjoni tas-sistemi bbażati fuq is-sensuri li jkejlu t-tniġġis tal-arja	L-Artikoli 6, 7, 9 u 10 u l-Anness I tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa	Jiġi żviluppat standard/Jiġu żviluppati standards tat-test ivvalidat(i) sabiex tiġi evalwata l-prestazzjoni tas-sistemi bbażati fuq is-sensuri li jkejlu t-tniġġis tal-arja. L-istandard se jevalwa jekk is-sistemi bbażati fuq is-sensuri jikkonformawx mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* fid-Direttiva 2008/50/KE.	Jittejbu l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja ambjentali billi jiġi evalwat sa liema punt is-sistemi bbażati fuq is-sensuri jikkonformaw mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* fid-Direttiva 2008/50/KE. L-istandard(s) se jippermetti/u wkoll użu aktar estensiv ta' dan il-metodu ta' monitoraġġ u għalhekk valutazzjoni mtejba tal-kwalità tal-arja.
50	Kwalità tal-arja ambjentali - konċentrazzjoni tan-numru ta' partikoli	Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa COM/2022/542 final	L-iżvilupp ta' standard Ewropew ġdid għall-kejl tal-konċentrazzjoni tan-numru ta' partikoli.	L-objettiv ewlieni huwa li tittejjeb il-kwalità tal-arja billi jittejbu d-*data* u l-fehim xjentifiku tal-effetti tal-partikoli ultrafini (UFP), fuq is-saħħa u l-ambjent. Għal dan huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-kejl tal-partikoli ultrafini jew tal-konċentrazzjoni tan-numru ta' partikoli fl-arja ambjentali jkun preċiż, affidabbli u komparabbli biżżejjed fl-UE kollha. Il-proposta għal Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali tintroduċi l-obbligu li titkejjel din is-sustanza li tniġġes l-arja mhux irregolata ta' tħassib emerġenti. Ir-rekwiżiti għall-kejl tal-UFPs huma partikolarment iffokati fuq ambjenti urbani.

51	L-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 COM/2021/805 final	L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda u r-reviżjoni ta' standards Ewropej eżistenti dwar il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fl-operazzjonijiet taż-żejt, tal-gass u tal-faħam inklużi assi inattivi, inseriti, magħluqa u abbandunati. L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej eżistenti dwar l-istħarriġ għall-individwazzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet tal-metan fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda dwar tagħmir li jevita l-ivventjar mid-disinn.	L-objettiv huwa li jiġu appoġġati l-obbligi fuq l-operaturi tal-enerġija sabiex ikejlu u jimmitigaw l-emissjonijiet tal-metan b'mod komparabbli madwar l-Unjoni. Dan se jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi, aċċess għal informazzjoni komparabbli u livell armonizzat ta' effettività fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan.
52	Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet industrijali	Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)	L-iżvilupp ta' standards Ewropej dwar metodi għal: (a) Il-monitoraġġ u l-kejl perjodiċi tas-sustanzi totali tal-perfluworoalkili u polifluworoalkili (PFAS), (b) Il-monitoraġġ u l-kejl perjodiċi tal-komposti li jfixklu s-sistema endokrinali, (c) Il-monitoraġġ u l-kejl perjodiċi tal-mikroplastiks, (d) Il-monitoraġġ u l-kejl perjodiċi tan-nanomaterjali, (e) Il-monitoraġġ u l-kejl perjodiċi ta' sustanzi perikoluż li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament REACH.	L-iżgurar tal-kampjunar u tal-analiżi ta' sustanzi niġġiesa rilevanti u kejl tal-parametri ta' proċess kif ukoll il-garanzija tal-kwalità tas-sistemi ta' kejl awtomatizzati u l-metodi ta' kejl ta' referenza biex jikkalibraw dawk is-sistemi għandhom jitwettqu f'konformità mal-istandards Ewropej.
53	Il-mikroplastiċi	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik COM/2023/645 final	L-iżvilupp ta' standards Ewropej li jappoġġaw miżuri sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis mill-mikroplastiks (partikoli tal-plastik b'dijametru ta' anqas minn 5 mm), li jiġu rilaxxati b'mod mhux intenzjonat fl-ambjent (eżempju minn pellets u tessuti sintetiċi).	L-għan tal-azzjoni huwa li jitnaqqsu r-rilaxxi tal-mikroplastik fl-ambjent u b'hekk jitnaqqsu t-tniġġis ambjentali u r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem.
54	Valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema	Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 691/2011 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali COM/2022/329 final	L-iżvilupp ta' standards u ta' riżultati Ewropej distinti mill-istandards finanzjarji u statistiċi, biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema. Id-*data* dwar is-servizzi tal-ekosistema tirfed ir-rapportar dwar il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u s-saħħa tal-ekosistemi terrestri u tal-baħar. Dawn l-istandards se jispeċifikaw il-karatteristiċi tekniċi li għandhom jitqiesu meta jintgħażlu l-proċeduri u l-mudelli biex tiġi stmata u tinġabar id-*data*.	L-objettiv ewlieni tal-azzjoni huwa li tappoġġa l-kwalità tad-*data* tal-kontijiet tas-servizzi tal-ekosistema Ewropej biex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar għall-Patt Ekoloġiku Ewropew

55	Prodotti fertilizzanti	Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003	L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda, jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti, fir-rigward ta' metodi ta' ttestjar għad-determinazzjoni tal-preżenza ta' kontaminanti, ta' sustanzi organiċi li jniġġsu, ta' mikroorganiżmi u ta' eżami ieħor ta' parametri speċifiċi rilevanti għall-effiċjenza agronomika u għas-sikurezza tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1009.	L-objettiv ta' din l-azzjoni huwa li jiġi żgurat li l-manifatturi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-korpi notifikati jkunu jistgħu jibbażaw fuq metodi ta' ttestjar koperti minn standards armonizzati għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE mar-rekwiżiti fir-Regolament (UE) 2019/1009. Is-CEN bħalissa qed jaħdem taħt it-talba ta' standardizzazzjoni M/564 dwar l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-prodotti fertilizzanti tal-UE. Hija ppjanata talba ġdida għall-istandardizzazzjoni sabiex is-CEN jintalab jiżviluppa standards armonizzati addizzjonali għall-metodi ta' ttestjar meħtieġa biex jiġu appoġġati dispożizzjonijiet ġodda inklużi dan l-aħħar fl-att ta' hawn fuq.
56	Il-kejl tas-saħħa tal-ħamrija u l-aċċess	Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) COM/2023/416 final	L-iżvilupp ta' portal diġitali tad-*data* dwar is-saħħa tal-ħamrija f'format spazjali ġeoreferenzjat li jipprovdi aċċess għad-*data* dwar is-saħħa tal-ħamrija. Dan jirrikjedi l-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda għall-kejl armonizzat ta': Konduttività elettrika (estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC)); Metodu ta' stima tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-ħamrija; Respirazzjoni tal-bażi tal-ħamrija; Metabarcoding tal-batterji, fungi, protisti u annimali fil-ħamrija; Abbundanza u diversità tan-nematodi fil-ħamrija; Bijomassa mikrobika fil-ħamrija; Abbundanza u diversità ta' ħniex fil-ħamrija u Konċentrazzjoni ta' kontaminanti organiċi fil-ħamrija: pestiċidi, mikroplastiks, PFAS. Barra minn hekk, il-funzjonijiet ta' trasferiment u l-metodoloġija tagħhom jeħtieġ li jiġu żviluppati u vvalidati biex jiġu żgurati l-akkuratezza u l-affidabbiltà ta' dan il-kejl u l-interpretazzjoni tagħhom f'diversi kuntesti tas-saħħa tal-ħamrija.	L-objettiv ewlieni huwa li tiġi vvalutata s-saħħa tal-ħamrija fl-UE u li dik id-*data* ssir disponibbli f'portal diġitali tad-*data* tas-saħħa tal-ħamrija "bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 u li l-ħamrija tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha, sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent." (Artikolu 1)

57	Fjuwil tal-avjazzjoni	Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq	It-twettiq ta' definizzjoni inizjali tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni futuri dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni bl-għan li jitnaqqsu l-effetti mhux tas-CO_2 u tittejjeb il-kwalità tal-arja, li għandu jsir bi qbil mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.	L-objettiv ewlieni huwa li titwettaq evalwazzjoni inizjali tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni futuri biex tiġi ottimizzata l-kompożizzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni, jingħata kontribut għall-mitigazzjoni tal-effetti tal-avjazzjoni mhux tas-CO2, tittejjeb il-kwalità tal-arja u jissaħħu s-sikurezza u l-ajrunavigabbiltà, mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-valutazzjoni tal-fattibbiltà kontinwa tal-UE u l-miżuri regolatorji dwar l-ottimizzazzjoni tal-kontenut tal-fjuwil li jistgħu jiġu żviluppati sadanittant, u tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli u l-istandards internazzjonali li jirregolaw l-avjazzjoni ċivili. Il-ħidma jenħtieġ li titwettaq bi qbil mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tibni fuq il-ħidma preparatorja mwettqa mill-aġenzija.

Azzjonijiet għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li jappoġġaw is-suq intern għas-servizzi u l-prodotti

Ref	Titolu	Referenza	L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea	L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea
58	Apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*	Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE	Jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti u jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda għad-disinn u l-manifattura ta': — apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 (MDR) — apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* koperti mir-Regolament (UE) 2017/746 (IVDR). L-istandards se japplikaw għad-disinn u għall-manifattura, għall-ġestjoni tar-riskju u għall-obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi u l-isponsors – inklużi dawk relatati: — mas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, — mal-ġestjoni tar-riskju — mal-investigazzjonijiet kliniċi u mal-istudji dwar il-prestazzjoni — mal-evalwazzjoni klinika.	Jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku fir-rigward tal-apparati mediċi, billi jiġu stabbiliti standards għoljin ta' kwalità u sikurezza għall-apparati mediċi u għall-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*. Dawn għandhom jissodisfaw tħassib komuni dwar is-sikurezza fir-rigward ta' prodotti bħal dawn, u b'hekk jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u sikurezza għall-pazjenti, għall-utenti u għal persuni oħrajn.

59	Apparat ta' pressjoni	Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-apparat jew għall-assemblaġġi ta' pressjoni.	Tittejjeb is-sikurezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal ditti żgħar u ta' daqs medju. Dan se jagħmel lill-kumpaniji tal-UE aktar kompetittivi fis-suq globali.
60	Reċipjenti sempliċi taħt pressjoni	Id-Direttiva 2014/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibbiltà fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni	Jiġu riveduti l-istandards eżistenti fis-serje EN 286 u jiġu żviluppati standards ġodda.	Tittejjeb is-sikurezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal ditti żgħar u ta' daqs medju. Dan se jagħmel lill-kumpaniji tal-UE aktar kompetittivi fis-suq globali.
61	Makkinarju u l-prodotti relatati	Ir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar il-makkinarju u li jħassar id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 73/361/KEE	Jiġu żviluppati jew riveduti standards Ewropej għall-makkinarju u l-prodotti relatati sabiex ikopru l-ispeċifikazzjonijiet essenzjali ġodda tar-Regolament propost dwar is-sikurezza u s-saħħa.	L-objettiv ewlieni huwa li jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza billi jiġi żgurat li jinżammu standards Ewropej armonizzati, li jirriflettu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali. Id-disponibbiltà ta' standards Ewropej armonizzati se tiffaċilita l-aċċess għas-suq, b'mod partikolari għall-SMEs. L-utenti u s-sidien tal-makkinarju u tal-prodotti relatati se jibbenefikaw minn sikurezza mtejba u jistgħu jibbenefikaw minn effetti sekondarji bħall-użu effiċjenti tal-enerġija u aċċess aktar faċli għal teknoloġiji innovattivi. L-operaturi ekonomiċi se jibbenefikaw minn ċertezza legali.
62	Tagħmir maħsub għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi (ATEX)	Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplużivi	Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti standards Ewropej eżistenti, sabiex tiġi appoġġata teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-qasam tat-tagħmir maħsub li jintuża f'atmosferi potenzjalment splussivi.	L-iżgurar tas-saħħa u s-sikurezza tat-tagħmir maħsub għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi.

63	Tagħmir protettiv personali	Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE	Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti standards Ewropej eżistenti, sabiex tiġi appoġġata teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-qasam tat-tagħmir ta' protezzjoni personali.	L-objettiv ewlieni huwa li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-utenti u l-moviment liberu tal-PPE fis-suq intern. Barra minn hekk, id-disponibbiltà ta' standards Ewropej armonizzati se tiffaċilita l-aċċess għas-suq, b'mod partikolari għall-SMEs.
64	Strumenti tal-użin u tal-kejl	Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl	Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti sabiex tiġi appoġġata t-teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-qasam tal-istrumenti tal-użin u tal-kejl.	(i) Il-protezzjoni tal-pubbliku kontra riżultati mhux korretti minn operazzjonijiet ta' użin permezz ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi meta jintużaw għal ċerti kategoriji ta' applikazzjonijiet; (ii) L-appoġġ ta' strumenti ta' kejl korretti u traċċabbli li jistgħu jintużaw għal varjetà ta' kompiti ta' kejl li jaffettwaw direttament u indirettament il-ħajja ta' kuljum tan-nies b'ħafna modi. Dawn il-kompiti jsiru għal raġunijiet tal-interess pubbliku, is-saħħa pubblika, is-sikurezza u l-ordni, il-protezzjoni tal-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-liġijiet tal-ġbir tat-taxxi u tad-dazji u tal-kummerċ ġust. Dawn jistgħu jirrikjedu l-użu ta' strumenti tal-kejl ikkontrollati b'mod legali.
65	L-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja	Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea	Jiġu żviluppati standards Ewropej u riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea ġodda jew jiġu riveduti l-istandards Ewropej u r-riżultati ta' standardizzazzjoni Ewropea eżistenti b'appoġġ għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797.	L-objettiv ewlieni huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi (diġitali) u r-restrizzjonijiet ekoloġiċi.
66	Kompatibbiltà Elettromanjetika	Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika	Ir-reviżjoni tal-istandards eżistenti u l-iżvilupp ta' standards ġodda b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2014/30/UE	L-iżgurar li l-istandards armonizzati b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika 2014/30/UE jiġu aġġornati u jirrappreżentaw l-aktar stat reċenti ta' żvilupp tekniku. Dawk l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom se jiġu ċċitati fil-ĠU tal-UE, se jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti. Għalhekk se jiġi żgurat li t-tagħmir elettriku ma jiġġenerax, jew ma jkunx affettwat minn, disturb elettromanjetiku, li jsaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u tas-soċjetà permezz tal-istandardizzazzjoni.

67	Is-sikurezza kontra n-nirien tal-bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa u tal-bastimenti li jużaw il-gass bħala propellant	Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE	L-iżvilupp ta' standard Ewropew ġdid għall-ittestjar ta' sistemi fissi tat-tifi tan-nar bi trab kimiku niexef u ta' sistemi tat-tifi tan-nar relatati għall-protezzjoni ta' bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa u bastimenti li jużaw il-gass bħala propellant.	L-objettiv ewlieni huwa li tittejjeb is-sikurezza marittima. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali kienet qed tirrevedi l-Linji Gwida għall-approvazzjoni ta' sistemi fissi tat-tifi tan-nar bi trab kimiku niexef għall-protezzjoni ta' bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa, iżda sa issa, ma hemm l-ebda standard ta' ttestjar ivvalidat għal test tan-nar "jet fire" u/jew "pool fire". L-iżvilupp ta' standard bħal dan, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-ISO, għandu jtejjeb is-sikurezza marittima mhux biss għat-tankers tal-gass iżda anke għall-bastimenti tal-passiġġieri li jaħdmu bil-gass.
68	Voltaġġ Baxx	Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ	Ir-reviżjoni tal-istandards eżistenti u l-iżvilupp ta' standards ġodda b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2014/35/UE	L-iżgurar li l-istandards armonizzati b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Voltaġġ Baxx 2014/35/UE jiġu aġġornati u jirrappreżentaw l-aktar stat reċenti ta' żvilupp tekniku. Dawk l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom se jiġu msemmija fil-ĠU tal-UE, se jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti. Għalhekk, se jiġi żgurat li t-tagħmir elettriku ma jipperikolax is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni u tal-annimali domestiċi, jew tal-proprjetà, meta jiġi installat u jinżamm kif xieraq u jintuża f'applikazzjonijiet li għalihom ikun sar.
69	Tagħmir tar-Radju	Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE	L-iżvilupp ta' standards Ewropej aġġornati tat-tagħmir tar-radju li jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-utenti, il-kompatibbiltà elettromanjetika, il-protezzjoni tal-ispettru tar-radju u l-aċċess għal servizzi ta' emerġenza.	L-objettivi ewlenin huma li tittejjeb is-sikurezza tal-utenti tat-tagħmir tar-radju, li tiġi pprevenuta l-interferenza dannuża li taffettwa l-komunikazzjoni essenzjali bir-radju u li jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza.
70	Opri tal-baħar għar-rikreazzjoni	Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE	L-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda jew ir-reviżjoni ta' standards Ewropej eżistenti biex tiġi appoġġata t-teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-qasam tal-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali.	L-objettivi ewlenin huma l-iżgurar tas-saħħa u s-sikurezza tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u tal-inġenji tal-ilma personali kif ukoll l-iżgurar tar-rispett tar-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-istorbju.

71	Standards tas-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur	Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti	L-iżvilupp jew ir-reviżjoni tal-istandards Ewropej biex tiġi appoġġata d-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti 2001/95/KE, b'enfasi fuq il-prodotti tat-tfal u oġġetti oħrajn taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, f'kollaborazzjoni mal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Network dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur. Dan jinkludi t-tisħiħ tas-sikurezza tat-tfal minn persjani interni, kisi tat-twieqi bil-ħbula u apparat ta' sikurezza, sikurezza tat-tagħmir tal-ġinnastika u stazzjonarju, u s-sikurezza tat-tagħmir tal-imblukkar għat-twieqi u għall-bibien tal-gallariji. Is-sikurezza tat-tfal minn persjani interni, minn kisi tat-twieqi bil-ħbula u minn apparat tas-sikurezza, is-sikurezza tat-tagħmir tal-ġinnastika u stazzjonarju, is-sikurezza tat-tagħmir tal-imblukkar għat-twieqi u għall-bibien tal-gallariji.	L-objettiv ewlieni huwa li tittejjeb is-sikurezza tal-prodotti skont id-Direttiva 2001/95/KE billi jiġu żgurati standards kurrenti li jinkorporaw l-aħħar għarfien xjentifiku. Dan se jiggarantixxi l-konformità mar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tas-sikurezza deskritti fid-Direttiva u fid-deċiżjoni ta' akkumpanjament tagħha.
72	Dizzjunarju tad-*data* għar-rapportar lill-awtoritajiet superviżorji tas-settur finanzjarju	COM(2021) 798 - Strateġija dwar id-*data* superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE Ir-Regolament (UE) 2019/876 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012	L-iżvilupp ta' standard Ewropew ġdid għad-deskrizzjoni tal-kontenut u l-format tad-*data* rrapportata minn entitajiet attivi fis-settur finanzjarju lill-awtoritajiet rilevanti għall-finijiet ta' superviżjoni finanzjarja u *data* ddivulgata lill-pubbliku taħt diversi oqfsa leġiżlattivi. L-istandard għandu jiżgura li d-*data* tiġi deskritta b'mod strutturat, komprensiv, konsistenti u mhux ambigwu, permezz ta' termini ankrati fil-leġiżlazzjoni sabiex tiġi stabbilita rabta ċara bejn l-entrati tad-*data* miġbura u/jew iddivulgati u l-ispeċifikazzjonijiet leġiżlattivi rilevanti.	L-objettiv fit-tul huwa li jiġi mmodernizzat ir-rapportar superviżorju tal-UE u tiġi stabbilita sistema li tipprovdi *data* akkurata, konsistenti u f'waqtha lill-awtoritajiet superviżorji fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li jiġi mminimizzat il-piż aggregat tar-rapportar għall-partijiet rilevanti kollha. L-istandardizzazzjoni tad-*data* u fehim komuni tad-*data* miġbura u ddivulgata fl-ambitu ta' oqfsa leġiżlattivi differenti se jagħmluha aktar faċli li jintużaw teknoloġiji diġitali u li jiġu ssimplifikati t-trażmissjoni, il-validazzjoni u l-analiżi tad-*data*.